# ID-DAWL

MEJJU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 77

**"Ibni! Osserva t-Talb, agħmel it-tajjeb, ipprojbixxi l-ħażin, u ssaporti bis-sabar dak kollu li jiġrilek. Tassew li dawn huma mill-aqwa kwalitajiet."**



Il-Gideb taħt Ċirkostanzi | Determinazzjoni u Kuraġġ | Triq għall-Pjetà u Safa | Il-Falsità element tal-Ħażen

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

## Q&A Wieħed jista' jgħid gidba taħt ċerti ċirkostanzi?

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Issir allegazzjoni li fl-Iżlam il-gideb huwa aċċettat taħt ċerti ċirkostanzi, pereżempju, għall-iskop tat-tixrid tal-fidi, matul il-gwerer, għar-rikonċiljazzjoni ta' koppji li jkunu qed jiġġieldu jew nies oħra, jew sabiex wieħed jaħbi twemminu minħabba l-biża' u dan jissejjaħ *Taqiyyah*. Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Ahmad[aba], wieġeb għal din il-mistoqsija u qal:

"Fil-Koran Imqaddes u f'*ahadith* ġenwini [diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]] il-gideb jitqies bħala **'wieħed mill-aktar gravi mid-dnubiet'** u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kemm-il darba wissiena biex noqogħdu 'l bogħod minnu.

Kif jingħad fir-rakkont...'Wieħed li jgħid u jippromwovi kelma għall-ġid biex jirrikonċilja n-nies mhuwiex giddieb.' Eżempju ta' dan huwa meta medjatur iwassal lil naħa l-affarijiet tajba li jkunu ntqalu min-naħa l-oħra u ma jgħid xejn dwar l-affarijiet negattivi; medjatur bħal dan ma jistax jissejjaħ giddieb.

*Sunan al-Tirmiżi* [isem tal-ktieb] irrekordja din l-istorja hekk kif ġiet irrakkontata minn Ħażrat Asma[ra] bint Yażid bil-kliem li ġej: 'Mhuwiex leġittimu li tigdeb ħlief fi tliet okkażjonijiet: xi ħaġa li jgħid ir-raġel biex jogħġob lil martu; li tigdeb tul il-gwerra; u li tigdeb biex tnissel il-paċi fost in-nies.'

**L-ewwel nett,** dan ir-rakkont ta' *Sunan al-Tirmiżi* mhuwiex aċċettabbli l-għaliex jikkontradixxi kmandament ċar tal-Koran Imqaddes u rakkonti oħra meħuda minn *ahadith* ġenwini [*sahih*].

**ID-DAWL**

MEJJU 2024 – Numru 77 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Lying under circumstances 02
High resolve 04
Truth: a path to purity 06
The right path is built on truth 08
Falsehood an element of evil 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** **Drazen Zigic | iStock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




**It-tieni,** l-Iżlam qatt ma ġġustifika l-gideb għall-ebda okkażjoni. Għall-kuntrarju, jgħallem biex ma nabbandunawx il-verità, anki sal-punt tal-mewt.

Il-Messija Mwiegħed[as] ukoll iggwidana f'dan ir-rigward. B'hekk, waqt li kien qiegħed iwieġeb għall-istess allegazzjoni, huwa jikteb fil-ktieb tiegħu, *Nur-ul-Koran* Nru 2:

"Il-Koran Imqaddes jikkonsidra t-tlissin tal-falsità daqslikieku kienet idolatrija, hekk kif Alla l-Eżaltat jistqarr: **'Warrbu għalhekk l-istmerrija tal-idoli u warrbu l-kliem kollu ta' falsità.'**… Il-qofol tal-kwistjoni hija li l-ebda *hadith* [diskors tal-Profeta[sa]] ma tippermetti l-gideb; anzi, dan il-kliem li ġej jinsab f'*hadith*: **'Għidu l-verità anki jekk tinqatlu u tiġu maħruqa.'**… Barra minn hekk, ejja ngħidu li kien hemm *hadith* li tikkontradixxi dak li jgħid il-Koran Imqaddes u l-*ahadith* ġenwini, din ma jkunx jistħoqqilha l-attenzjoni tagħna l-għaliex aħna naċċettaw biss dawk l-*ahadith* li ma jmorrux kontra l-*ahadith* ġenwini u l-Koran Imqaddes." (*Nur-ul-Koran* Nru 2, *Ruhani Khazain*, Vol. 9, pp. 403-405)

Għaldaqstant, bl-ebda mod mhuwa aċċettabbli li nemmnu li l-gideb huwa aċċettat fi kwalunkwe *hadith*. Għalhekk, jekk hemm mod kif nirrikonċiljaw dawn l-*ahadith* biex jiġu konformi mal-Koran u s-*Sunnah* [eżempji prattiċi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]], hemmhekk aħna naċċettaw dawn l-*ahadith* wara din ir-rikonċiljazzjoni. Altrimenti, aħna ma nkunux nistgħu naċċettaw dawn l-*ahadith* għaliex imorru kontra t-tagħlim ċar tal-Koran Imqaddes u l-Messaġġier ta' Alla [il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]]. *(Alhakam)*

Il-Morali

# Determinazzjoni u rieda qawwija

Determinazzjoni qawwija u kuraġġ u ġentilezza jistgħu jeżistu flimkien. Jekk dawn ma jkunux flimkien, allura persuna bħal din tkun dgħajfa u mhux se jkollha morali. Meta toħloq qalb ratba, ma jfissirx li persuna ta' qalb ratba u ta' ħniena se tippanikja fil-ħin tad-diffikultajiet u ma jkollhiex is-saħħa biex tiffaċċja t-tbatija. Imma dawn iż-żewġ kwalitajiet jistgħu jeżistu flimkien u jidhru f'ħinhom.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kellu qalb ratba u ħanina għal kulħadd, mhux biss għall-bnedmin, imma wkoll għal ħlejjaq oħra bħal annimali u għasafar eċċ. Iżda meta kien hemm mumenti iebsa u diffiċli li kellu jiffaċċja, fil-fatt parti kbira ta' ħajtu ma kienx żmien faċli, huwa ffaċċjahom b'mod sod, b'kuraġġ u b'determinazzjoni. Qatt ma ppanikja, qatt ma beża', qatt ma tilef it-tama imma dejjem baqa' sod u b'saħħtu.

Mela l-ġentilezza ma tfissirx li persuna tkun dgħajfa fi żminijiet ta' diffikultajiet jew titlef il-kuraġġ quddiem diffikultajiet li qed jiżdiedu. Għalhekk, huwa importanti li l-ġenituri jgħallmu lit-tfal tagħhom il-valuri tal-kuraġġ u determinazzjoni qawwija, u għandna nżommu f'moħħna li din id-determinazzjoni u l-kuraġġ jitwieldu mit-tfulija.

## Il-Koran Imqaddes

"Intom li temmnu, fittxu l-għajnuna ta' Alla fis-sabar u fit-Talb; żgur li Alla jżomm ma' dawk li huma sodi." (2.154)

"Tassew li se nittestjawkom b'xi biża', u b'ġuħ, u b'nuqqas ta' ġid, ħajjiet u frott. Agħti l-bxara t-tajba lil dawk li huma sodi u jistabru." (2.156)

"Ibni l-għażiż! Osserva t-Talb, amar it-tajjeb, ipprojbixxi l-ħażin, u ssaporti bis-sabar dak kollu li jiġrilek. Tabilħaqq li dawn (*l-għemejjel*) huma mill-aqwa kwalitajiet." (31:18)

"Min jistabar u jaħfer, tabilħaqq dan ikun wieħed mill-aqwa għemejjel u d-determinazzjoni qawwija." (42.44)

"Tabilħaqq li aħna se nittestjawkom sakemm insiru nafu lil dawk minnkom li jħabirku għall-kawża ta' Alla, u dawk li huma sodi." (47.32)



## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Dak li huwa b'saħħtu mhuwiex dak li jitfa' fl-art lill-oħrajn bid-daqqiet; dak li huwa b'saħħtu huwa dak li jrażżan lilu nnifsu meta jkun imgħaddab jew meta jkun irrabjat. (*Bukhari* u *Muslim, Gardens of the Righteous*, p. 16)

Abu Saeed u Abu Hurairah jirrakkontaw li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr: Kull tip ta' inkwiet, mard, ansjetà, niket, uġigħ jew dwejjaq li jista' jaħkem lill-fidili, saħansitra anki tingiża ta' xewka, Alla jneħħi minn dik is-sitwazzjoni xi ftit mit-toqol tagħha. (*Bukhari* u *Muslim, Gardens of the Righteous*, p. 14)

Usamah ibn Zaid, li kien maħbub mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u iben xi ħadd li kien iħobbu, jirrakkonta li waħda mill-bniet tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] bagħtitlu messaġġ li binha kien wasal fl-aħħar u talbitu bil-ħerqa biex iżurha. Huwa bagħtilha t-tweġiba tiegħu b'dan il-messaġġ: ta' Alla huwa dak kollu li Hu jagħti u ta' Alla huwa dak kollu li jieħu lura [jiġifieri kollox hu ta' Alla]. Kollox għandu t-terminu tiegħu ppjanat minnu. Għaldaqstant, kun soda u itlob għall-grazzja u l-kompassjoni Tiegħu. Hija reġgħet bagħtitlu messaġġ titolbu bil-ħniena f'Isem Alla biex iżurha. Huwa qam u telaq għal għandha flimkien ma' Sa'ad ibn Ubadah, Mu'aż ibn Jabal, Ubayy ibn Ka'ab, Zaid ibn Thabit u oħrajn. Meta wasal il-Profeta Muħammad[sa], urewh it-tifel u hu ħadu f'ħoġru. Meta ntebaħ bil-qagħda mwiegħra tiegħu beda jibki, imbagħad Sa'ad esklama: Messaġġier ta' Alla, dan x'inhu? Huwa stess wieġeb: Din hija mogħdrija u kompassjoni li Alla qiegħed fil-qlub tal-qaddejja Tiegħu (verżjoni oħra tgħid: fil-qlub ta' wħud mill-qaddejja Tiegħu kif xtaq Hu). Alla jkollu ħniena minn dawn il-qaddejja Tiegħu li juru kompassjoni. (*Bukhari* u *Muslim, Gardens of the Righteous*, p. 12)

# Il-verità: triq għall-pjetà u safa

Il-verità hija kwalità li hija approvata universalment u reklamata bil-kbir. Madanakollu, hija wkoll realtà li wara li kulħadd jifhem l-importanza profonda li dejjem ngħidu l-verità, xorta kull meta tqum l-okkażjoni, tintuża l-falsità għall-gwadann personali. F'dan iż-żmien ta' teknoloġija moderna, il-midja soċjali wkoll tintuża sabiex tixtered il-falsità u l-aħbarijiet foloz.

Madanakollu, irridu nifhmu li l-verità hija l-pedament ta' kull żvilupp soċjali, reliġjuż u spiritwali; u r-riforma mhijiex possibbli mingħajr il-verità.

## Il-ħelsien min-nuqqasijiet

Huwa rrakkontat li darba, persuna li kellha ħafna nuqqasijiet u vizzji resqet lejn il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u staqsietu liema mill-vizzji li kellha kellha twarrab ħalli tibda tirriforma ruħha, billi ma kinitx taħseb li huwa possibbli li teħles mill-vizzji kollha tagħha. Bħala tweġiba, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] widdibha biex tabbanduna l-falsità u dejjem tistqarr il-verità.




Syahrir Maulana_ iStock

L-individwu kien kuntent bit-tweġiba tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u ħaseb li kien faċli għalih li jieqaf jigdeb waqt li jibqa' jwettaq il-vizzji l-oħra, iżda ġara li kull meta beda jaħseb biex jagħmel xi ħaġa immorali jew ħażina, kien jieqaf u jhewden li kieku kellu jinqabad, ma kienx ikollu għażla ħlief li jistqarr il-verità, minħabba l-wegħda li kien għamel lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Bħala riżultat, maż-żmien ħeles min-nuqqasijiet u l-vizzji kollha li kienu jaħkmuh qabel. Seta' faċilment baqa' jigdeb iżda, billi kien għamel wegħda lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa], kien determinat u impenjat li jżommha, u eventwalment ingħaqad mad-devoti u laħaq il-livell xieraq ta' kredent.

Minħabba li warrab il-falsità kien kapaċi jittrasforma lilu nnifsu u jeħles mid-drawwiet ħżiena u nuqqasijiet kollha.

Fil-Koran Imqaddes, Alla jfakkarna ħafna drabi biex inkunu onesti u sinċiera. Alla jgħidilna li dawk li jinkoraġġixxu l-verità u l-fermezza, li huma interdipendenti u għandhom il-pedamenti ta' karattru tajjeb, ikunu qed jassiguraw li jkollhom ħajja ferħana, kuntenta, prospera u progressiva. (Il-Koran, Kapitlu 103)



StevanZZ_ iStock

## It-triq it-tajba hija mibnija fuq il-verità

Barra minn hekk, Alla bagħat il-Profeti lejn nazzjonijiet differenti biex ifakkarhom jaqbdu t-triq it-tajba u jersqu aktar qrib lejn Alla. Din it-triq hija dejjem mibnija fuq il-prinċipji tal-verità u kienet il-messaġġ fundamentali tal-Profeti u l-kotba mqaddsa kollha. Il-Koran Imqaddes dejjem iħeġġiġna biex inkunu onesti u nsegwu t-triq dritta tal-verità; u persuna ma tistax issir onestà jekk ma tgħidx il-verità (4:70). L-aktar mezz faċli lejn it-*Taqwa* (onestà u ġustizzja) huwa li nsegwu t-triq tal-verità.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, dejjem ta importanza kbira lill-verità, u kien magħruf bħala *al-Sadiq* (is-sinċier) u *al-Amin* (il-leali). Darba ġabar il-familja u n-nies tiegħu taħt muntanja żgħira u qalilhom, "Jekk ngħidilkom li armata kbira qiegħda tistenniekom wara din l-għolja, temmnuni?" Anki jekk kien evidenti li armata kbira ma setgħetx tistaħba wara dik l-għolja żgħira, li kien impossibbli li kien hemm armata u li ma kinux rawha jew lemħuha, xorta qalu għalenija, "Iva, għax inti dejjem għedt il-verità." Għalhekk, din hija s-setgħa tal-verità li tassew tattira l-erwieħ u l-qlub sani.

## L-akbar parti tal-ħażen hija l-falsità

Fil-qosor, l-ewwel u l-aktar punt kruċjali huwa li nadottaw id-drawwa tal-verità. L-akbar parti tal-ħażen li jixtered fid-dinja llum il-ġurnata hija l-falsità. Fir-relazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali naraw policies ambigwi li ma jirriflettux sewwa l-valur tal-verità.

Għaldaqstant, huwa important ħafna li ngħallmu lit-tfal tagħna biex jistqarru l-verità minn età bikrija u bl-ebda mod m'għandhom jużaw il-gideb. Huwa fatt li dawk in-nazzjonijiet li jużaw il-gideb dejjem se jibqgħu dgħajfa u ma jkollhomx is-saħħa biex jimxu mal-valuri morali għoljin. L-ebda proġett ta' valur għoli ma jista' jinbena mingħajr pediment sinċier. Il-verità m'għandhiex prezz u hija waħda mill-ogħla valuri tal-bniedem. Il-verità hija riflessjoni tal-morali għoljin u l-karattru ta' persuna. Għalhekk, dejjem għandna nistqarru l-verità u bl-ebda mod ma nużaw il-gideb. Bla dubju ta' xejn, il-verità għandha forza, setgħa u attrazzjoni enormi.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**